MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 340/2005/1

**S & R Handaq Limited**

**vs**

**Focal Maritime Services Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Dicembru, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Gunju 2005 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm3,690.90), konsistenti in kwantu ghall-elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2,800) f'danni sofferti fi hlas ta' pagi wara li s-

socjeta' konvenuta naqset li tikkonsenja lis-socjeta' attrici fid-data miftiehma 'iso-tank' li kienet giet inkarigata ggorr minn Malta ghal Milan u lura (Dok. A. e-mail datata 3 ta' Settembru 2004) u in kwantu ghal tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90) f'rifuzjoni ta' somma li s-socjeta' attrici kienet kostretta li thallasha *under protest* wara li s-socjeta' konvenuta illegalment u abusivament irrifjutat li tirrilaxxa polza ta' karigu minkejja li s-socjeta' attrici kienet ga hallset l-ammont relattiv hekk kif jidher mill-ittri esebiti bhala Dok. B u C.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-18 ta' Frar 2005 kif ukoll bl-imghax legali sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Focal Maritime Services Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici kkontenuti fl-avviz de quo huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rrigettati fil-konfront tas-socjeta' konvenuta;
2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, fil-kaz tax-shipping tal-container numru SRHU00914/6 ir-rwol tas-socjeta' konvenuta hu dak ta' shipping agent u kwindi ma tistax tinzamm responsabbli ghal xi allegati danni maghmula mill-carrier;
3. Illi kwantu ghall-allegat tizmim tal-polza b'mod irregolari minn Focal Maritime Services Company Limited, dwar il-bill of lading MSCUNV943864 jinghad illi s-socjeta' konvenuta ma tatx ir-release lis-socjeta' attrici peress illi ma kinitx ghadha hallsitha biex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tohrog il-polza ta' karigu. L-ammont li s-socjeta' attrici qieghda tallega li hallset kien ammont dovut taht bill of lading iehor li kellha pendenti mall-kumpanija konvenuta;
4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici qeda fin-negozju taz-zebgha u ghall-habta ta' Gunju 2004, ikkuntrattat mas-socjeta' konvenuta sabiex din twassal Milan *iso tank*, kapacita' ta' circa tnejn u ghoxrin elf lirtu (22,000) sabiex jintela bis-*solvent* u jerga jintbaghat lura Malta.

Is-socjeta' konvenuta kienet intrabtet li twassal lura dan it-tank fi zmien gimghatejn jew tlieta. L-arrangament kien li t-tank jitwassal vojt sax-xatt Malta, tiehdu konsenja s-socjeta' konvenuta, fejn tghabbih fuq il-vapur u mbaghad twassal lura t-tank mimli u tpoggih fuq fuq ix-xatt minfejn kellu jingabar mis-socjeta' attrici.

Fit-13 ta' Gunju 2004, it-tank twassal fuq ix-xatt u tghabba fuq il-vapur dakinhar stess. Pero', minkejja li t-tank twassal u ntela' f'Milan, jidher illi gie *short shipped* u ma wasalx Malta meta kellu jasal. Tghabba fuq il-vapur, u anki hawn darb'ohra sar xi zball u it-tank spicca l-Egittu. Fl-ahhar wasal Malta fit-18 ta' Awissu 2004. Ghalhekk, meta tqies id-data tat-13 ta' Gunju 2004, id-data meta t-tank telaq minn Malta, suppost kellu jasal lura mhux aktar tard mill-4 ta' Lulju 2004. Izda wasal fit-18 ta' Awissu 2004, hamsa u erbghin (45) gurnata tard.

Il-managing director tas-socjeta' attrici Gregory Brincat dahal f'korrispondenza mas-socjeta' konvenuta fejn spjega illi d-dewmien fil-konsenja ta' l-*iso tank* kienet tfisser telf kbir ghalih, peress illi kellu ghaxar (10) haddiema illi kienu fuq il-*production line* li ma kienux qed jahdmu jew inkella kienu qed jahdmu f'sieghat ridotti. Barra

minn hekk ma lehaqx l-ordnijiet li kien ikkuntratta ma' klijenti lokali kif ukoll barranin.

Skond is-sur Brincat, is-socjeta' konvenuta offriet lis-socjeta' attrici ma thallasx ghall-*freight* u offriet is-somma ta' mija u ghoxrin Ewro bhala kumpens. Is-sur Brincat dehrlu li dana kien redikolu u ghalhekk ma hallasx l-ammont bilancjali illi kien ghad fadallu jaghti lis-socjeta' konvenuta fuq l-oprerazzjoni ta' l-*iso tank*, liema ammont kien ta' tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90),

Sa dan it-tant, is-socjeta' attrici riedet tikkonsenja container minn Como ghal Bahrain u Gordon Camenzuli, *accounts clerk* mas-socjeta' attrici, ikkonvinca lis-sur Brincat iqabbdu lis-socjeta' konvenuta sabiex jesegwixxu dan is-servizz. Fil-fatt dan is-servizz gie esegwit u il-*container* twassal Bahrain.

Is-socjeta' konvenuta talbet il-pagament ghas-servizz li rcevietu permezz ta' *cheque* li ssarraf. Meta pero' s-socjeta' attrici talbet id-dokumenti tat-trasport tal-*container*, is-socjeta' konvenuta rrifjutat li tikkonsenja dawn id-dokumenti jekk l-ewwel is-socjeta' attrici ma tissaldax l-ammont pendenti illi kellha tiehu s-socjeta' konvenuta fuq it-trasport ta' l-*iso tank*.

Hawnhekk, il-Qorti taghmel referenza ghad-dokument a fol. 32 fejn Charlene Barbara, ghan-nom ta' Focal Marine Services kitbet lil-Gordon Camenzuli ghan-nom tas-socjeta' attrici u tghidlu, "Please note that following instructions issued by our managing director we cannot release the Bills of Lading for shipment to Bahrain unless you settle all pending invoices."

Din il-komunikazzjoni illi saret bl-e-mail iggib id-data tas-16 ta' Frar, 2005. Ghalhekk, b'ittra ohra tal-25 ta' Frar, 2005, Gregory Brincat kiteb lis-

socjeta’ konvenuta fejn dan infurmha b’dak kollu li kien qed jigri u hallas l-ammont bilancjali ta’ tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90) “entirely under protest”. Wara dan il-pagament is-socjeta’ konvenuta tat id-dokumenti necessarji lis-socjeta’ attrici sabiex il-merkanzija li waslet il-Bahrain setghet tigi rilaxxjata lid-destinatarju.

Is-socjeta’ attrici hassitha offiza b’dan l-agir tas-socjeta’ konvenuta u f’din il-akwza qeda titlob ghall-hlas tad-danni tan-nuqqas tas-socjeta’ konvenuta meta ma kkonsenjatx l-*iso tank* fiz-zmien patwit, kif ukoll ghar-rifuzjoni ta’ l-ammont ta’ tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90), li kienet hallset taht protesta wara pressjoni li kienet ghamlitilha s-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi dan huwa kaz serju hafna b’diversi konsiderazzjonijiet legali inizzjati mis-socjeta’ konvenuta meta b’agir mhux solitu, jew kontra l-etika, irrikorriet ghal rikatt kummercjali biex akkwistat dak illi dehrilha illi kien taghha. Dan l-agir ghandu jigi kkundannat minnufih minghajr ebda tlaqliq. Pero’ trid izzomm bilanc u tara wkoll illi ma jkunx hemm xi arrikkament ingust minn naha tas-socjeta’ attrici a skapitu tas-socjeta’ konvenuta.

Il-Qorti tibda biex tagheml referenza ghall-Artikolu 993 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, fejn jistipula illi l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede. Fil-kawza riportata fil-Vol. XXXI P 1 p 151, inghad, “ … il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in buona fede, li jobbligaw mhux biss ghal dak li huwa espress, imma anki ghall-konsegwenzi l-inekwita’, l-uzu u l-ligi jattribwixxu lill-obbligazzjoni skond in-natura taghha.” [ara wkoll Vol LXII P 1 p 669 u XL P 2 p 671]

Il-partijiet dahlu f'relazzjoni kuntrattwali bejnithom, fis-sens illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkuntrattat li toffri certa servizz illi kellu jigi kkompletat fi zmien patwit. Minn naha l-ohra s-socjeta' attrici intrabtet illi thallas ammont determinat ghal dan is-servizz. Irrizulta bhala fatt illi dan is-servizz ma giex moghti mis-socjeta' konvenuta jew meta gie moghti dan sar tard wisq, bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici soffriet hafna danni ghal dak illi jirrigwarda produzzjoni u telf ta' pagi ghall-impjegati.

Is-socjeta' konvenuta mhijiex qeda tikkonstesta l-fatt illi l-obbligazzjoni kuntrattwali minn naha taghha ma giex mizmum fl-intier tieghu, izda qeda tghid illi hija ma kinitx responsabbli u qeda tirrikorri ghall-polza ta' karigu principalment taht it-titolu intestat "General Provisions" dwar *delay* and *conseguential loss*" minfejn jirrizulta illi l-*carrier* ma kienx responsabbli ghal xi dewmien jew inkella ghal xi telf tal-kumpanija. Dan qalu principalment Jonathan Mizzi in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta [fol. 39].

Il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Jibda biex jinghad li s-socjeta' konvenuta ma kinitx il-carrier, izda kienet biss agent li kkuntrattat lil haddiehor sabiex igorr il-merkanzija. Ma kien hemm l-ebda relazzjoni diretta bejn is-socjeta' attrici u min kien effettivament qed igorr il-merkanizja. Is-socjeta' attrici kkuntrattat biss mas-socjeta' konvenuta u ma hadd aktar. Kienet din l-ahhar socjeta' li mbaghad ghamlet l-arrangamenti ma' terzi biex dak li talbet is-socjeta' attrici jigi minnha mwettaq. Jekk kien hemm xi haga li marret hazin fit-trasbord tal-merakanzija, allura f'dak il-kaz dina kienet xi haga nterna bejn is-socjeta' konvenuta u t-terz li garr il-merkanzija. U il-Qorti ma tarax kif dan ghandu jaffettwa d-drittijiet tas-socjeta' attrici. (Res inter alios acto, alteri nocere non debit)

Fis-sentenza tal-Prim 'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Doris Caruana vs Lina Pisani, deciza fl-10 ta' Novembru 2004, il-Qorti enfazizzat il-htiega li min jikkuntratta jkun jaf sew bejn u min qed isisr in-negozju, ghax kuntratt jorbot biss u qiesu hu ligi bejn dawk il-partijiet biss.

Ghalhekk, il-konsegwewnza ta' l-operazzjoni is-success jew il-falliment taghha taffettwa direttament l-interessi tal-partijiet kontraenti u cioe' s-socjeta' attrici u is-socjeta' konvenuta, u din ta' l-ahhar ma tistax iddur fuq terz sabiex tiggustifika n-nuqqas ta' twettieq ta' l-obbligazzjoni kuntrattwali taghha.  Ir-raguni il ghala l-*iso tank* ma twassalx fil-hin, kif patwit bejn il-partijiet, hija kwistjoni li s-socjeta' konvenuta trid issolvi mat-terz li tkun ikkunntrattat ghat-trasport.  Izda zgur m'ghandhiex jaffettwa r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn iz-zewg socjetajiet parti f'din il-kawza.

Is-socjeta' attrici qeda tghid illi hija sofriet danni konsegwenza tan-nuqqas tas-socjeta' konvenuta u dawn id-danni, ghall-ewwel gew indikati fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt lira Maltin (Lm2,800), bhala telf ta' pagi u konsegwenzi ohra. Pero' l-prospett esebit mill-istess socjeta a fol. 37 jgib ic-cifta ta' elf, tmien mija u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,870.85), bhala t-telf li effettivament sofriet is-socjeta' attrici.  Jekk kien hemm xi telf iehor, bhal nuqqas ta' *production* u kuntratti ohra illi tilfet, dan ma jirrizultax mid-dokumenti esebiti u il-Qorti trid toqghod fuq din ic-cifra kif jidher fil-prospett a fol. 37, li tidher wahda ragonevoli.

Is-socjeta' attrici qeda titlob ukoll ir-rifuzjoni ta' l-ammont ta' tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90), illi kien il-bilanc ta' l-operazzjoni tat-trasport ta' l-*iso tank* illi hallset taht protesta meta giet infaccata bir-rikatt tas-socjeta' konvenuta.  Bhalma gia nghad, din is-socjeta' agixxit kontra kull etika kummercjali u

ekwita naturali. Ma kellha l-ebda dritt tiehu l-ligi b'idejha b'tali mod li tpoggi lis-socjeta' attrici f'sitwazzjoni illi ma setghetx tagixxi minkejja illi dehrilha li kellha d-drittijiet taghha michuda mis-socjet' konvenuta. Din imissha agixxiet il-Qorti jekk dehrilha li kien hemm xi disputa fl-operazzjoni tat-trasport ta' l-*iso tank* bejn iz-zewg socjetajiet, u zgur illi ma kellha l-ebda dritt li tirrikorri ghar-rikatt illi ghandu jigi ccensurat u kkundannat bl-aktar mod qawwi minn din il-Qorti.

Barra minn hekk, l-attur xehed illi stante n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta fit-twettieq ta' l-obbligazzjoni kuntrattwali taghha, huwa sofra hafna danni fis-sens illi kellu xi ordnijiet illi ma setax jesegwixxi minhabba nuqqas ta' *solvent*. A fol. 26 jghid illi, sarraf f'nuqqas ta' sales peress illi ma setax ilahhaq mad-domanda. "Is-solvent ridtu biex naghlaq l-ordnijiet illi jiena kelli ta' klijenti barra minn Malta u dawk Maltin qabel ma l-fabbrika taghlaq ghax-shut down … Il-hsara kienet diga saret fis-sens illi kelli program imharbat u ma stajtx naqdi lill-klijenti li suppost kont bi hsiebi naqdihom xahar qabel."

Minkejja illi Gregory Brincat ma kkwantifikax dawn id-danni, il-Qorti jidhrilha li x-xhieda tieghu hija probabbilment vera. Ma hemmx dubju illi s-*solvent* bhala materja prima kien importanti hafna ghall-generu ta' negozju tas-socjeta' attrici u minghajru zgur illi ma setghetx tahdem. Minkejja illi, kif gia nghad Brincat ma kkantifikax dawn id-danni, il-Qorti tista tikkwantifika dawn id-danni pro equo et bono, fis-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000).

F'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob, ukoll ir-rifuzjoni tas-somma ta' tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90) illi hija hallset *under protest* wara hija giet irrikattata mis-socjeta' konvenuta. Il-Qorti, jidhrilha pero', li stante d-decizjoni dwar id-danni, din is-somma

m'ghandiex tigi rifuza lis-socjeta' attrici. Tajjeb jew hazin is-servizz inghata mis-socjeta' konvenuta u fl-ahhar l-*iso tank* twassal fuq il-moll Malta. Minkejja li kien hamsa u erbghin gurnata tard, kif tajjeb argumentat is-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta kellha tkun responsabbli ghad-danni, pero' ma tistax tkun tenuta li ma tithallasx ghas-servizz taghha. Jew tkun responsabbli ghad-danni jew inkella ma tithallasx ghas-servizz, imma mhux it-tnejn flimkien.

Ghalhekk, it-talba tas-socjeta' attrici ghar-rifuzjoni tas-somma ta' tmien mija u disghin lira Maltin u disghin centezmu (Lm890.90) ghandha tigi michuda u ghandha tibqa' fil-pussess tas-socjeta' konvenuta.

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmien mija u sebghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,870.85), wara li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkonsenja lis-socjeta' attrici fid-data miftiehma *iso-tan*k li kienet giet inkarigata ggorr minn Malta ghal Milan u lura.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.**"**

Bl-appell taghha minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta tirreplika b' aggravju l-eccezzjoni principali taghha illi hi "*shipping agent*", u, bhala tali, ma kellhiex tinsab fi htija ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici. Hi tikkontendi illi l-unika kontrattazzjoni f' dan il-kaz kienet dik riflessa u spjegata mill-polza tal-kariku, u gjaladarba hi ma kienetx tifforma parti minn din l-istess kontrattazzjoni, l-azzjoni ma kellhiex tigi diretta fil-konfront taghha;

Il-materja kif impustata bl-eccezzjoni, ripetuta bl-obbjezzjoni ghas-sentenza impunjata, tmiss materja ko-involgenti n-natura tar-rapport guridiku bejn il-kontendenti. Effettivament, dak li jrid jigi deciz hu jekk l-operat tas-socjeta` konvenuta fil-vicenda sarx f' isem terzi, kif hekk qed tikkontendi s-socjeta` appellanti, jew f' isimha proprju, kif hekk bil-kontra sottomess mis-socjeta` attrici appellata. Ir-rizoluzzjoni tal-kwestjoni tidher li maggorment tiddependi minn konsiderazzjoni tal-fatti;

Hemm qbil li s-socjeta` appellata kkuntattjat lis-socjeta` appellanti ghall-garr minn Malta ghall-Italja, u lura, ta' Iso Tank. Din l-operazzjoni kienet timporta ghall-ezekuzzjoni taghha perijodu ta' zmien ta' bejn gimghatejn u tliet gimghat. Ara xhieda ta' Gordon Camenzuli, accounts clerk tal-kumpanija attrici (fol. 14) u dik ta' Gregory Brincat, Managing Director ta' l-istess socjeta` a fol. 25. Hu koncess minn Patrick Mercieca, Commercial Manager tas-socjeta` appellanti, illi r-rapport negozjali bejn iz-zewg socjetajiet kien wiehed regolari. Huwa spjega li fuq rikjesta tas-socjeta` attrici l-kumpanija tieghu organizzat it-trasport ta' l-Iso Tank fit-termini tal-process ta' affari solitament kondott minnha. Jigifieri "nipprovdu s-servizz, jigi fatturat, ihallsuna u nirrilaxxjaw ix-xoghol" (ara xhieda tieghu a fol. 43);

In bazi ghall-premess l-ewwel Qorti ddeduciet illi kien jezisti rapport kontrattwali dirett bejn iz-zewg socjetajiet. Is-socjeta` appellanti tirribatti din id-deduzzjoni bil-kontenzjoni illi l-funzjoni taghha hi wahda merament ta' agent marittimu u bhala li kienet qed tagixxi f' din il-veste kellha tigi konsiderata bhala rapprezentatrici ghan-nom ta' terzi principali taghha, sija jekk dawn kienu "*shipping lines*" jew vetturali ordinarji. Biex issostni din l-affermazzjoni taghha hi tistrieh ghal kollox fuq il-portata tal-polza tal-kariku emessa minn Bracchi s. p. a. u li fiha s-socjeta` attrici tikkonfigura bhala l-*consignee* tal-kariku;

Il-Qorti rriflettiet sew fuq il-proposizzjoni lilha sottomessa mis-socjeta` appellanti u hi tal-fehma li din ma tistax tigi kondiviza. Fir-rigward thoss li ghandha tirrileva dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Mill-provi jirrizulta illi l-ftehim sar esklusivament bejn is-socjetajiet kontendenti. Kienet is-socjeta` appellanti li obbligat ruhha mas-socjeta` appellata ghall-organizzar tat-trasport tal-kariku *de quo*. Jekk ghal dan il-fini hi kellha tinqeda bis-servizz ta' terzi r-rapport li jitwieled minn dan hu biss bejnha u dan it-terz ghax ghas-socjeta` attrici tali rapport hu wiehed aljen u *res inter alios acta*. Biex ikun xort' ohra, is-socjeta` appellanti kienet fid-dmir li tiddivulga fil-mument tal-kontrattazzjoni mas-socjeta` attrici illi hi kienet qed tagixxi f' isem it-terz li mieghu eventwalment ftehmet dwar il-garr tal-kariku. Hu sew maghruf il-principju illi meta wiehed jikkontratta f' ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f' isem haddiehor jew f' isem xi entita guridika separata. Ara "**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri *et***", Appell, 25 ta' Mejju 2001;

(2) Is-socjeta` appellanti ma tistax tiddizimpenja ruhha mill-obbligi taghha billi tavvanza d-difiza li ghax hi "agent marittimu", implicitament dan ghandu jfisser dejjem u bilfors li f' din il-kwalita` hi kienet qed tagixxi f' isem xi principal. Sewwa gie rikonoxxut fis-sentenza tal-kompjant Imhallef George Schembri tat-8 ta' Mejju 1979 in re: "**Vivian S. Bianchi *nomine* -vs- Edward Sullivan *et nomine***" (Qorti tal-Kummerc) illi jezistu diversi kwalitajiet ta' agenziji marittimi. Dak li, pero, naqset milli zzid is-socjeta` appellanti hu li din l-istess decizjoni ma naqsetx milli tirravviza illi "fil-fatt jezistu agenziji marittimi li x-xoghol taghhom hu li jassumu l-oneru li jghabbu l-merkanzija fuq bastimenti li jsibu huma, u ghalhekk min jibghat il-merkanzija jikkontratta dwar taghbija ma' din l-agenzija marittima <u>f' isimha proprju</u>" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Il-fattispeci tal-kaz partikulari taht ezami kjarament iqeghdu lis-socjeta` appellanti f' din il-ispecje ta' agenzija marittima;

(3) Il-polza tal-kariku ma tistax titqies bhala xi prova konvincenti illi l-kontrattazzjoni tat-trasport saret bejn is-socjeta` attrici u l-vettural. L-ewwelnett il-provi attendibbli ma jissufragawx dan. Fit-tieni lok, dik il-polza tikkostitwixxi biss prova dokumentali tat-trasport li turi li l-vettural jew operatur obbliga ruhu li jgorr il-merce u jikkonsenjaha fil-port ta' destinazzjoni. Dikjaratament imbaghad l-azzjoni kif proposta ma tidderivax mill-polza tal-kariku izda tidderivi mill-inadempjenza kontrattwali dovuta ghan-nuqqas da parti tas-socjeta` appellanti ta' l-obbligazzjoni minnha assunta ta' l-ezekuzzjoni ezatta u fiz-zmien promess tal-konsenja tal-kariku lilha affidat;

Isegwi minn din l-ahhjar konsiderazzjoni illi *qua* debitrici ta' l-obbligazzjoni s-socjeta` appellanti, ghal dik l-inadempjenza taghha, trid twiegeb in via rizarcitorja. Dan kif dettat fl-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili u fl-artikoli sussegwenti ghal dan ghall-kaz tan-nuqqas tat-twettiq ta' l-obbligazjoni *qua bonus paterfamilias* u dik tal-prestazzjoni fiz-zmien pattwit. Mhux accettabbli li din l-inadempjenza tas-socjeta` appellanti, u allura wkoll tar-responsabilita` taghha, tirrikadi fuq it-terz li mieghu is-socjeta` attrici ma kkuntrattatx. Din il-pretensjoni taghha tista', se mai, tifforma oggett ta' kontestazzjoni, anke gudizzjali, fir-rapport intern taghha ma' dak it-terz izda mhux li din l-istess kontestazzjoni tiddahhal fil-kontroversja tas-socjeta` attrici maghha.

Ghal dawn il-motivi u dawk tal-konsiderandi ta' l-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------